MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2004

Numru 473/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Marthese Micallef)**

**vs**

**JOSEPH MUSCAT**

**Illum 3 ta' Novembru, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Joseph Muscat, 49 sena, iben Anthony u Mary nee` Bugeja, imwieled Pieta fid-9 ta' April 1955 u residenti Ivan, Triq il-Hobbejza, Rabat, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 301055M, gie akkuzat:

Talli fil-5 ta’ Frar 2004 u fis-snin ta’ qabel, fil-fond Ivan, Triq il-Hobbejza, Rabat, bhala detenur tal-imsemmi fond jew bhala l-persuna li ghandha f’idejha l-imsemmi fond, b’diversi atti maghmula fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozzizjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:

1. Ikkommetta serq ta’ kurrent tal-elettriku li jammonta ghal izjed minn Lm 50 u anqas minn Lm 1000 ghad-dannu tal-korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, hin u valur.

2. Ghamel hsara jew kiser parti minn meter tal-elettriku jew is-sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew is-sigilli taghhom jew gumni wzati fil-provista tal-eletriku jew is-sigilli taghhom.

Il-Qorti giet mitluba li f’kaz ta’ htija tikkundanna l-hati ghall-hlas, lir-registratur, ta’ l-ispejjez kollha jew ta’ parti mill-ispejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri, f’dak iz-zmien u f’dak l-ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok. MM3 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta’ llum l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ispettur Carlo Ellul iddikjara li hu qed jassumi l-inkarigu ta' Ufficjal Prosekutur f'din il-kawza minflok l-Ispettur Marthese Micallef.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Carlo Ellul iddikjara illi hu konsapevoli li l-imputat hallas dak kollu dovut lill-Korporazzjoni Enemalta rigwardanti dan il-kaz.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 261 (b), (c) u (f), 263 (a), 264, 267, 270, 278 (3), 280 (2) u 326 (f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Joseph Muscat, fuq ammissjoni, hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Carlo Ellul iddikjara fil-Verbal tas-Seduta ta' llum illi hu konsapevoli li l-imputat hallas dak kollu dovut lill-Korporazzjoni Enemalta rigwardanti dan il-kaz, tillibera lill-istess imputat Joseph Muscat taht il-Provvediment ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet (3) snin millum.

Il-Qorti qed taghti lill-imputat Joseph Muscat l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment inkwantu ghat-talba tal-Prosekuzzjoni li l-Qorti, f'kaz ta' htija tikkundanna l-hati ghall-hlas, lir-registratur, ta' l-ispejjez kollha jew ta' parti mill-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, f'dak iz-zmien u f'dak l-ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni, peress illi l-Qorti rat li l-espert li gie nominat kien fl-inkjesta u mhux fil-kawza ghalhekk tichad it-talba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------